MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 2716/1997/1

**Demicoli Joseph**

**v.**

**Coleiro General Supplies Limited u b'digriet tat-13 ta' Frar, 2001 gew kjamati in kawza s-socjeta' estera PPG Industries Limited Italia S.R.L u s-socjeta' Trimite Malta Limited u b'digriet tat-18 ta' Mejju, 2001 gew nominati l-kuraturi deputati Dr Vincent Galea u l-PL Mario Mifsud Bonnici biex jirrapprezentaw lis-socjeta' estera assenti PPG Industries Limited Italia S.R.L u b'digriet tad-29 ta' Novembru, 2001 Dr Anthony Cremona assuma l-atti tal-kawza bhala kuratur tas-socjeta' PPG Industries Limited Italia S.R.L u bl-istess digriet gew estromessi l-kuraturi deputati Dr Vincent**

**Galea u l-PL Mario Mifsud Bonnici. (Korrezzjoni awtorizata b'digriet tal-25 ta' Mejju 2008).**

**Il-Qorti:**
Dan hu appell min digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili waqt l-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2007, li in forza taghha cahdet it-talba attrici ghall-hatra ta' periti perizjuri.

Din hi kawza fejn l-attur qed jitlob danni konsegwenza tal-fatt li xoghol li wettaq fuq ghamara li hu jipproduci spicca danneggjat (il-"finish" ta' l-ghamara qasam u ikkrakkja) peress li qed jallega li z-zebgha u l-materjal li xtara minghand is-socjeta` konvenuta ghal dan l-iskop kienu difettuzi "fis-sens li l-komposizzjoni tat-'*topcoat*' ma kellhiex il-materja necessarja sabiex il-'*finish*' ma jaqsamx". L-ewwel Qorti kienet hatret espert tekniku barrani, certu Dr. B.P. Alblas, sabiex bl-assistenza ta' perit legali, jezamina l-konsistenza tal-materjal mixtri, l-mod ta' l-uzu tieghu mill-attur u, in generali, jirrelata fil-kuntest tat-talbiet ta' l-attur.

Wara li nzammu diversi seduti u accessi fuq il-post fejn jinhadem ix-xoghol ta' l-ghamara, u wara li l-istess perit tekniku ghamel testijiet kimici tal-materjal fornit kif uzat mill-attur, il-periti gudizzjarji pprezentaw ir-rapport taghhom fis-7 ta' Lulju 2004, u gie mahluf fit-12 ta' April, 2005. Fil-konkluzjoni taghhom il-periti sabu illi ma ngiebet ebda prova mill-attur fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilta` tali li turi li l-prodotti fihom infushom u partikolarment it-'*topcoat*' tal-Max Meyer, kif allegat minnu stess, kienu hziena u li kienu l-kawza tal-hsara kollha minnu sofferti. B'nota tat-13 ta' April 2005, l-attur talab in-nomina ta' periti addizzjonali, ai termini tal-ligi, fir-rigward tal-perit espert taz-zebgha (u mhux tal-perit legali), izda talab li l-Qorti ma tghaddix ghall-hatra taghhom qabel ma jigi eskuss l-istess perit Dr. Alblas ai termini tad-domandi bil-miktub li kienu sejrin jigu prezentati f'din il-kawza f'qasir zmien.

Id-domandi in eskussjoni tal-perit tekniku gew prezentati fil-21 ta' April 2005, u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2005, l-ewwel Qorti awtorizzat l-eskussjoni tieghu u tat fakolta` lill-perit

tekniku jwiegeb ghad-domandi bil-miktub, taht id-direzzjoni tal-perit legali li kellu jirregola l-process ta' l-eskussjoni. Domandi mis-socjeta` konvenuta gew pprezentati fit-23 ta' Settembru 2005, wara li gew mwarrba diversi kwistjonijiet dwar l-ammissibilita` ta' certi domandi.

Ir-risposti tal-perit tekniku dahlu in atti fid-19 ta' Ottubru 2005, u gew mahlufa fl-10 ta' Novembru, 2006.

Fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2007, quddiem l-ewwel Qorti, l-attur u d-difensur tieghu ma dehrux, u l-ewwel Qorti akkordat lill-partijiet il-fakolta` li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet; ma giex ivverbalizzat jekk tali osservazzjonijiet kellhomx isiru dwar it-talba ta' l-attur ghall-hatra ta' periti addizzjonali jew dwar il-meritu tal-kaz. Il-kawza, pero`, giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-24 ta' April, 2007.

Fit-12 ta' Frar 2007, l-attur ressaq rikors fejn talab lill-Qorti tirrevoka '*contrario imperio*' id-digriet taghha tat-30 ta' Jannar 2007, u takkorda t-talba ghall-hatra ta' periti perizjuri gia` mitluba.

Filwaqt li l-verbal tas-seduta tal-24 ta' April 2007, mhux fil-process, (jidher li dakinhar is-seduta kollha giet differita fuq ordni tal-Qorti) b'digriet tat-2 ta' Mejju 2007, l-ewwel Qorti pprovdiet fuq ir-rikors ta' l-attur fis-sens li gej:
"Tilqa' it-talba u tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza (sic) u tordna sabiex kull parti tinnomina persuna teknika ghal nomina ta' periti perizjuri permezz ta' nota fi zmien tletin gurnata mil-lum."

B'nota tal-31 ta' Mejju 2007, l-attur ippropona lill-Prof. Joseph Agius u d-Dekan Prof. Alfred Vella. Ma giet ipprezentata ebda nota mill-konvenuti fit-terminu koncess mill-ewwel Qorti.

Fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2007, gie registrat dan il-verbal quddiem l-ewwel Qorti:
"Meta ssejhet il-kawza deher Dr. Patrick Galea u Kenneth Coleiro ghas-socjeta` konvenuta.

Il-Qorti infurmat lil Dr. Galea li l-kontro-parti ssuggeriet lil Profs. Joseph Agius u l-Profs. Alfred Vella.

Dr. Galea informa lill-Qorti li l-Profs. Vella kien deher quddiem il-Qorti u infurmaha li l-materja mhix tal-kompetenza tieghu.

Dr. Galea talab li jiehu konjizzjoni ta' din in-nota.

Il-Qorti tilqa' t-talba b'dan li sad-differiment li jmiss jissuggerixxi persuna teknika ghall-eventwali nomina jekk ikun il-kaz ghan-nomina tal-Periti Perizjuri, b'dan li l-attur u d-difensur tieghu ghandhom jidhru fis-seduta li jmiss sabiex tigi sorvolata din il-problema tal-Periti Teknici.

Il-kawza qed tigi differita ghal dan l-iskop ghall-4 ta' Dicembru, 2007."

Wara din is-seduta, b'nota tat-23 ta' Novembru 2007, is-socjeta` konvenuta pproponiet l-ismijiet ta' zewg laboratorji Inglizi illi jistghu jservu bhala periti teknici.

Fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2007, gie registrat dan il-verbal quddiem l-ewwel Qorti:
"Meta ssejhet il-kawza deher Dr. Patrick Galea ghas-socjeta` konvenuta u Dr. Anthony Cremona ghas-socjeta` kjamata in kawza.

Prezenti zewg rapprezentati ahwa Coleiro ghas-socjeta` konvenuta.

L-attur u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux.

Peress li la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma dehru, u dan meta huma qed jitolbu n-nomina ta' Periti Perizjuri, f'dan l-istadju tichad it-talba ghall-Periti Perizjuri.

Il-kawza qed tigi differita ghall-finali trattazzjoni ghas-27 ta' Frar, 2008."

L-attur qed jappella mid-digriet kontenut f'dan il-verbal.

L-avukat ta' l-attur jghid li ghas-seduta tal-4 ta' Dicembru 2007, huwa kien prezenti fl-Awla fid-9.00 am., izda peress li ma kienx programmat hin specifiku ghas-sejha tal-kawza, l-istess kawza damet ma ssejhet. Hu kellu jillarga biex jaghmel xoghol iehor fil-Qorti u meta dahal lura fl-Awla sab li l-kawza kienet issejhet u d-difensur tal-konvenut kien qed jitratta fuq incident iehor; sab li t-talba tieghu ghall-hatra ta' periti perizjuri kienet gia` michuda minghajr ma kellu l-opportunita` jispjega l-punt tieghu.

Il-Qorti ezaminat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur, kif ukoll ir-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta u mis-socjeta` kjamata fil-kawza.

Din il-Qorti tara li, kif zviluppaw l-affarijiet, l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad it-talba attrici a bazi tas-semplici raguni li, meta ssejhet il-kawza, "la l-attur u lanqas id-difensur tieghu ma dehru". L-ewwel Qorti kienet diga`, b'digriet tat-2 ta' Mejju 2007, laqghet it-talba ghall-hatra ta' periti perizjuri, u kienet ordnat lill-partijiet jindikawla l-ismijiet ta' persuni li jistghu jaqbdu l-funzjoni ta' periti perizjuri. Hu veru li l-hatra ta' periti perizjuri hi diskrezzjonali ghall-Qorti, u l-istess Qorti, nonostante li kienet gia` laqghet it-talba, tista' tirrevoka l-istess hatra jekk jigi indikat lilha n-nuqqas ta' bzonn ta' periti perizjuri jew jekk il-Qorti tigi rinfaccjata b'diffikultajiet kbar biex tinnomina tlett persuni idoneji u li jkunu f'posizzjoni li jikkoordinaw l-analizi li jkunu jridu jaghmlu. Ir-revoka tad-digriet tan-nomina, trid, pero`, tkun motivata, bazata fuq konsiderazzonijiet ta' natura teknika, logistika jew legali. Kif inghad, f'dan il-kaz, it-talba ta' l-attur kienet gia` giet milqugha, u l-istess attur fit-terminu moghti lilu bil-Qorti kien ukoll ressaq l-ismijiet ta' zewg persuni biex jinhatru periti perizjuri. Ic-cahda eventwali tat-talba, allura, kellha tkun motivata fuq ragunijiet teknici, logistici jew legali, u mhux bazata fuq semplici assenza ta' l-attur u difensur tieghu fl-udjenza. Din il-Qorti mhux qed tghid li l-ewwel Qorti kienet obbligata tistenna l-kumdita` ta' l-avukat ta' l-attur biex dan jidher quddiemha, u setghet tiddisponi mit-talba jekk l-attur ma uzufruwiex ruhu mill-opportunita` moghtija lilu li jispjega l-mod ta' l-operat tal-

periti perizjuri, stante li, milli jidher, f'Malta m'hawnx bizzejjed nies kapaci li jwettqu l-analizi mitluba (ghalkemm l-attur spjega fl-udjenza quddiem din il-Qorti li hu mhux qed jitlob li ssir analizi kimika ohra, izda li l-analizi ta' l-ewwel perit tekniku tigi riveduta u ezaminata minn esperti ohra); li qed tghid hu li, fic-cirkostanzi ta' kif zvolgew l-affarijiet, l-ewwel Qorti kellha tidhol fil-meritu tal-kwistjoni u tiddisponi mit-talba a bazi ta' konsiderazzjonijiet ta' natura teknika u/jew logistici u/jew legali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fl-4 ta' Dicembru 2007, li bih cahdet it-talba ghall-periti perizjuri, u fil-kuntest ta' din it-talba tpoggi lill-partijiet fis-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha minnufih qabel l-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2007.

L-ispejjez ta' din l-istanza in konnessjoni ma dan l-incident jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------